
+ L-Iben ta' Alla sar bniedem
Jien
nemmen
F'ALLA
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM
MILL-MEMBRI TAL-M.U.S.E.U.M.
Mill-1 sal-5 ta' Lulju 2019
Is-Simenta, Marsaskala
fis-7.30pm

# Jien nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

## 1 jum | Inħobb… għax Alla huwa Mħabba

Maħbubin, inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf 'l Alla. Min ma jħobbx ma għarafx 'l Alla, għax Alla hu mħabba. B'dan dehret l-imħabba ta' Alla għalina, billi Alla bagħat 'l Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ikollna l-ħajja bih. F'dan qiegħda l-imħabba tiegħu, li mhux aħna ħabbejna 'l Alla, imma Hu ħabbna u bagħat 'il Ibnu bħala tpattija għall-maħfra ta' dnubietna. Maħbubin, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu 'l xulxin. 'L Alla qatt ħadd ma rah. Jekk inħobbu 'l xulxin, Alla jgħammar fina, u l-imħabba tiegħu fina tkun sħiħa. Minn dan nagħrfu li aħna ngħammru fih u Hu fina… U aħna għarafna u emminna fl-imħabba li għandu Alla għalina. Alla hu mħabba: min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla u Alla jgħammar fih. (1 Ġw 4: 7 – 13, 16)

***Mill-Ktieb: IL-ĠINNASJU SPIRITWALI ta' San Ġorġ Preca***
Min hu li ħabb il-bniedem daqskemm ħabbu Alla? U intant wieħed jista' jara li ftit huma li jħobbu 'l Alla, għax min iħobb ifittex l-oġġett tiegħu u jgħożżu. Alla huwa spirtu, u min iħobbujinħtieġ li jħobbu bl-ispirtu u bil-verità, jiġifieri billi jagħmel il-rieda divina tiegħu.

…………………………………………

***Mit-talba KOLLOKJU MA' ALLA ta' San Ġorġ Preca***
Sinjur Alla, inti ħlaqt il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħek; immela min iħobb lilek ma jistax ikun li ma jħobbx 'il kull bniedem mingħajr eċċezzjoni ta' ħadd, u min iħobb lilek, inti tħobbu skont il-grazzja u skont l-ordni tan-natura, billi inti xejn ma tobgħod mill-ħwejjeġ li inti ħlaqt. O kemm jintgħaraf min lilek iħobb bil-verità!

*Sliem għalik Marija…*

Jien nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

1 jum | Inħobb… għax Alla huwa Mħabba

Maħbubin, inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf 'l Alla. Min ma jħobbx ma għarafx 'l Alla, għax Alla hu mħabba. B'dan dehret l-imħabba ta' Alla għalina, billi Alla bagħat 'l Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ikollna l-ħajja bih. F'dan qiegħda l-imħabba tiegħu, li mhux aħna ħabbejna 'l Alla, imma Hu ħabbna u bagħat 'il Ibnu bħala tpattija għall-maħfra ta' dnubietna. Maħbubin, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu 'l xulxin. 'L Alla qatt ħadd ma rah. Jekk inħobbu 'l xulxin, Alla jgħammar fina, u l-imħabba tiegħu fina tkun sħiħa. Minn dan nagħrfu li aħna ngħammru fih u Hu fina… U aħna għarafna u emminna fl-imħabba li għandu Alla għalina. Alla hu mħabba: min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla u Alla jgħammar fih. (1 Ġw 4: 7 – 13, 16)

Mill-Ktieb: IL-ĠINNASJU SPIRITWALI ta' San Ġorġ Preca
Min hu li ħabb il-bniedem daqskemm ħabbu Alla? U intant wieħed jista' jara li ftit huma li jħobbu 'l Alla, għax min iħobb ifittex l-oġġett tiegħu u jgħożżu. Alla huwa spirtu, u min iħobbujinħtieġ li jħobbu bl-ispirtu u bil-verità, jiġifieri billi jagħmel il-rieda divina tiegħu.

…………………………………………

Mit-talba KOLLOKJU MA' ALLA ta' San Ġorġ Preca
Sinjur Alla, inti ħlaqt il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħek; immela min iħobb lilek ma jistax ikun li ma jħobbx 'il kull bniedem mingħajr eċċezzjoni ta' ħadd, u min iħobb lilek, inti tħobbu skont il-grazzja u skont l-ordni tan-natura, billi inti xejn ma tobgħod mill-ħwejjeġ li inti ħlaqt. O kemm jintgħaraf min lilek iħobb bil-verità!

**Bil-qawwa ta' mħabbtek**

Nersaq lejk Mulej
Biddel din il-qalb mill-ġdid
Il-grazzja qiegħda tfur minn ġo fik Ġesù
Jien intbaħt Mulej,
In-nuqqas li nsib fl-għemil
Jitħassar minnufih,
Bil-qawwa ta' mħabbtek.

Rit:
Żommni qrib
Għannaqni Int bi mħabbtek
Ressaqni lejk, ħa nkun dejjem ħdejk
Bit-tama fik
Jien nogħla 'l fuq bħall-ajkla
Nogħlew it-tnejn flimkien,
Fl-ispirtu Int u jien
Bil-qawwa ta' mħabbtek.

Dawwal dawn l-għajnejn,
B'hekk narak jien wiċċ imb wiċċ
Għarrafli mħabbtek waqt li int fija tgħix
Ġedded dan il-moħħ,
Biex nagħmel dak li Inti trid
Ħa ngħix jum wara jum,
Fil-qawwa ta' mħabbtek. Rit:

Jien nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

**Bil-qawwa ta' mħabbtek**

Nersaq lejk Mulej
Biddel din il-qalb mill-ġdid
Il-grazzja qiegħda tfur minn ġo fik Ġesù
Jien intbaħt Mulej,
In-nuqqas li nsib fl-għemil
Jitħassar minnufih,
Bil-qawwa ta' mħabbtek.

Rit:
Żommni qrib
Għannaqni Int bi mħabbtek
Ressaqni lejk, ħa nkun dejjem ħdejk
Bit-tama fik
Jien nogħla 'l fuq bħall-ajkla
Nogħlew it-tnejn flimkien,
Fl-ispirtu Int u jien
Bil-qawwa ta' mħabbtek.

Dawwal dawn l-għajnejn,
B'hekk narak jien wiċċ imb wiċċ
Għarrafli mħabbtek waqt li int fija tgħix
Ġedded dan il-moħħ,
Biex nagħmel dak li Inti trid
Ħa ngħix jum wara jum,
Fil-qawwa ta' mħabbtek. Rit:

## *Jien* nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

2 jum | Inkun ġust għax Alla huwa ġust

U qalilhom dit-tixbiha: "Kellu wieħed siġra tat-tin imħawla fl-għalqa tiegħu tad-dwieli, u ġie jfittex il-frott fiha u ma sabx. Qal lill-ħaddiema tal-għalqa: 'Ilni tliet snin niġi nfittex il-frott u ma nsibx; aqtagħha, għalfejn tkidd l-art?" Wieġeb u qallu: "Mgħallem, ħalliha dis-sena wkoll sakemm nagħżaq madwarha u nagħtiha d-demel, jekk tagħmel il-frott li sena li ġejja, tajjeb, jekk le, aqtagħha."(Lq 13: 6-9)

***Mill-Ktieb: DIRETTORJU SPIRITWALI ta' San Ġorġ Preca***
Il-ġustizzja ta' Alla mhix biex tikkastiga biss, iżda wkoll biex tippremja. Il-ġustizzja ta' Alla tagħti lil kull wieħed dak li jkun jistħoqq skont l-opri tajbin jew ħżiena. Il-ħsieb fuq il-ġustizzja għandu jqanqalna biex nibżgħu mid-dnub u biex nagħmlu l-volontà ta' Alla.

............................................

***Mit-talba KOLLOKJU MA' ALLA ta' San Ġorġ Preca***
Sinjur Alla, inti trid li kull bniedem isalva ruħu, u għalhekk inti ma ddawwarx wiċċek minn dawk li jsejħulek. It-telfien tal-bendmin huwa dejjem bi ħtija tagħhom, għax ma jsejħulekx biex inti ssalvahom. Inti ħlaqtna mingħajr il-ħila tagħna, iżda le ssalvana mingħajr il-ħila tagħna, jiġifieri li aħna nirrikorru lejk u nitolbuk tagħtina l-ispirtu t-tajjeb tiegħek, li inti ma tafx tiċħad lil ħadd lil min jitlobhulek. Huwa delizzju għalik, Missier, li nfittxuk u li nitolbuk l-għajnuna għas-salvazzjoni tar-ruħ tagħna. Inti tieħu gost tagħtina kull ġid li nitolbuk.

*Sliem għalik Marija…*

## *Jien* nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

2 jum | Inkun ġust għax Alla huwa ġust

U qalilhom dit-tixbiha: "Kellu wieħed siġra tat-tin imħawla fl-għalqa tiegħu tad-dwieli, u ġie jfittex il-frott fiha u ma sabx. Qal lill-ħaddiema tal-għalqa: 'Ilni tliet snin niġi nfittex il-frott u ma nsibx; aqtagħha, għalfejn tkidd l-art?" Wieġeb u qallu: "Mgħallem, ħalliha dis-sena wkoll sakemm nagħżaq madwarha u nagħtiha d-demel, jekk tagħmel il-frott li sena li ġejja, tajjeb, jekk le, aqtagħha." (Lq 13: 6-9)

***Mill-Ktieb: DIRETTORJU SPIRITWALI ta' San Ġorġ Preca***
Il-ġustizzja ta' Alla mhix biex tikkastiga biss, iżda wkoll biex tippremja. Il-ġustizzja ta' Alla tagħti lil kull wieħed dak li jkun jistħoqq skont l-opri tajbin jew ħżiena. Il-ħsieb fuq il-ġustizzja għandu jqanqalna biex nibżgħu mid-dnub u biex nagħmlu l-volontà ta' Alla.

............................................

***Mit-talba KOLLOKJU MA' ALLA ta' San Ġorġ Preca***
Sinjur Alla, inti trid li kull bniedem isalva ruħu, u għalhekk inti ma ddawwarx wiċċek minn dawk li jsejħulek. It-telfien tal-bendmin huwa dejjem bi ħtija tagħhom, għax ma jsejħulekx biex inti ssalvahom. Inti ħlaqtna mingħajr il-ħila tagħna, iżda le ssalvana mingħajr il-ħila tagħna, jiġifieri li aħna nirrikorru lejk u nitolbuk tagħtina l-ispirtu t-tajjeb tiegħek, li inti ma tafx tiċħad lil ħadd lil min jitlobhulek. Huwa delizzju għalik, Missier, li nfittxuk u li nitolbuk l-għajnuna għas-salvazzjoni tar-ruħ tagħna. Inti tieħu gost tagħtina kull ġid li nitolbuk.

*Sliem għalik Marija…*

**La tibżax**

Kemm-il darba tħossok waħdek
U ħabib ma ssib imkien
La tibżax, għalkemm leħni ma tismax
Kemm-il darba taqta' qalbek
Li xi darba ssib is-sliem
Erfa' għajnejk
Ibqa' ftakar dan il-kliem.

Rit:
M'intix waħdek
Għax jiena miegħek
Jien il-ħatar u l-għasluġ tiegħek
Qum u la tibżax
Jien ma nitilqek qatt.
Jekk it-triq hi tant mudlama
Illi tħossok miexi fl-għama
Jien hemm inkun biex jekk taqa' ngħinek tqum.

Meta tħoss id-dnub itaqqlek
U ma tista' ddur imkien
La tibżax, jekk tinħeles, ma tistax.
Għax imħabbti tkeċċi l-biża'
U fi mħabbti ssib ħelsien
Fejn hu dlam
Ifeġġ dawl ma' kullimkien. Rit:

La tibżax. x3

Jien nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

La tibżax

Kemm-il darba tħossok waħdek
U ħabib ma ssib imkien
La tibżax, għalkemm leħni ma tismax
Kemm-il darba taqta' qalbek
Li xi darba ssib is-sliem
Erfa' għajnejk
Ibqa' ftakar dan il-kliem.

Rit:
M'intix waħdek
Għax jiena miegħek
Jien il-ħatar u l-għasluġ tiegħek
Qum u la tibżax
Jien ma nitilqek qatt.
Jekk it-triq hi tant mudlama
Illi tħossok miexi fl-għama
Jien hemm inkun biex jekk taqa' ngħinek tqum.

Meta tħoss id-dnub itaqqlek
U ma tista' ddur imkien
La tibżax, jekk tinħeles, ma tistax.
Għax imħabbti tkeċċi l-biża'
U fi mħabbti ssib ħelsien
Fejn hu dlam
Ifeġġ dawl ma' kullimkien. Rit:

La tibżax. x3

3 jum | Inkun ġust għax Alla huwa ġust

Qalilhom din it-tixbiha: "Min minnkom ikollu mitt nagħġa u, jekk jitlef waħda, ma jħallix id-disgħa u disgħin fid-deżert u jmur lejn il-mitlufa sa ma jsibha? U, meta jsibha, jerfagħha fuq spallejh ferħan, u xħin imur id-dar, isejjaħ il-ħbieb u l-ġirien u jgħidilhom: 'Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa tiegħi l-mitlufa.' Hekk ngħidilkom, ikun hemm aktar ferħ fis-sema għal midneb wieħed li nindem milli għal disgħa u disgħin li ma neħtiġux indiema." (Lq: 15: 3-7)

***Mill-Ktieb Il-Ktieb il-Kbir ta' San Ġorġ Preca***

Ix-xemx u x-xita jitkellmu fuq il-ħniena t'Alla li ma jafx jagħlaq qalbu wara tant inġurji mill-kreaturi tiegħu. Il-ħniena li tuża inti xbieha t'Alla turik il-ħniena t'Alla li ħalqek, li hu kawża ta' kull ġid u ta' kull perfezzjoni. Kristu bil-parabbola tal-Iben il-Ħali jurina qalb Alla li waqa' fuq għonq ibnu umiljat, u biesu f'eċċess ta' ħniena.

............................................

***Mit-talba KOLLOKJU MA' ALLA ta' San Ġorġ Preca***

Sinjur Alla, int tassew ħafif biex taħfer 'il min jumilja lilu nnifsu u jitolbok maħfra, u int intant int ħafif biex taħfer għax taf il-għaġna tal-bnedmin, li m'huma tajbin għal xejn ħlief li jagħmlu kull ma jogħġobhom. Quddiemek il-bnedmin juma miżerja u l-attribut tal-Ħniena tiegħek jitħarreġ kontinwament fuqna. Aħna ma jistax ikun li ma nifhmux li, kieku ma kenitx il-miżerja tagħna, dan l-attribut tiegħek jidher inutli fik, u dan hu impossibbli għax ebda perfezzjoni ma tista' tkun nieqsa fik: għalhekk inti ma tafx twarrab minnek 'il kull min beżgħani jiġi għandek għall- maħfra: u min għarfek ma jaqta' qalbu qatt mill-Ħniena tiegħek. Ma jkunx għarfek min ma jarakx għani fil-ħniena li tħaddan ma' qalbek 'il kull min jersaq lejk b'indiema.

*Sliem għalik Marija…*

*Jien* nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

3 jum | Inkun ġust għax Alla huwa ġust

Qalilhom din it-tixbiha: "Min minnkom ikollu mitt nagħġa u, jekk jitlef waħda, ma jħallix id-disgħa u disgħin fid-deżert u jmur lejn il-mitlufa sa ma jsibha? U, meta jsibha, jerfagħha fuq spallejh ferħan, u xħin imur id-dar, isejjaħ il-ħbieb u l-ġirien u jgħidilhom: 'Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa tiegħi l-mitlufa.' Hekk ngħidilkom, ikun hemm aktar ferħ fis-sema għal midneb wieħed li nindem milli għal disgħa u disgħin li ma neħtiġux indiema." (Lq: 15: 3-7)

***Mill-Ktieb Il-Ktieb il-Kbir ta' San Ġorġ Preca***

Ix-xemx u x-xita jitkellmu fuq il-ħniena t'Alla li ma jafx jagħlaq qalbu wara tant inġurji mill-kreaturi tiegħu. Il-ħniena li tuża inti xbieha t'Alla turik il-ħniena t'Alla li ħalqek, li hu kawża ta' kull ġid u ta' kull perfezzjoni. Kristu bil-parabbola tal-Iben il-Ħali jurina qalb Alla li waqa' fuq għonq ibnu umiljat, u biesu f'eċċess ta' ħniena.

............................................

***Mit-talba KOLLOKJU MA' ALLA ta' San Ġorġ Preca***

Sinjur Alla, int tassew ħafif biex taħfer 'il min jumilja lilu nnifsu u jitolbok maħfra, u int intant int ħafif biex taħfer għax taf il-għaġna tal-bnedmin, li m'huma tajbin għal xejn ħlief li jagħmlu kull ma jogħġobhom. Quddiemek il-bnedmin juma miżerja u l-attribut tal-Ħniena tiegħek jitħarreġ kontinwament fuqna. Aħna ma jistax ikun li ma nifhmux li, kieku ma kenitx il-miżerja tagħna, dan l-attribut tiegħek jidher inutli fik, u dan hu impossibbli għax ebda perfezzjoni ma tista' tkun nieqsa fik: għalhekk inti ma tafx twarrab minnek 'il kull min beżgħani jiġi għandek għall- maħfra: u min għarfek ma jaqta' qalbu qatt mill-Ħniena tiegħek. Ma jkunx għarfek min ma jarakx għani fil-ħniena li tħaddan ma' qalbek 'il kull min jersaq lejk b'indiema.

*Sliem għalik Marija…*

**Missier tal-Akbar Ħniena**

Missier tal-akbar ħniena
Imħabbtek qatt ma tħallina
Isma' t-talb, il-karba tal-qalb
Waqt li nersqu lejk
Dawn huma ħtijietna
Noffruhomlok kollha lejk
Uri ħniena u mogħdrija
Miss il-qlub bil-fejqan ta' ġmiel idejk.

Eħlisna mill-passat
Waqt li nħarsu lejk
Begħedna mill-ħsarat
Għajn ta' ħniena Int
Raġġ ta' mħabba u fejqan
Għajn ta' ħniena Int
'Tina mħabbtek u l-fejqan.

Jien nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

**Missier tal-Akbar Ħniena**

Missier tal-akbar ħniena
Imħabbtek qatt ma tħallina
Isma' t-talb, il-karba tal-qalb
Waqt li nersqu lejk
Dawn huma ħtijietna
Noffruhomlok kollha lejk
Uri ħniena u mogħdrija
Miss il-qlub bil-fejqan ta' ġmiel idejk.

Eħlisna mill-passat
Waqt li nħarsu lejk
Begħedna mill-ħsarat
Għajn ta' ħniena Int
Raġġ ta' mħabba u fejqan
Għajn ta' ħniena Int
'Tina mħabbtek u l-fejqan.

## 4 jum | Naħseb fl-oħrajn… għax Alla huwa Providenza

Għalhekk ngħidilkom: La toqogħdux tħabbtu raskom għal ħajjitkom, x'sa tieklu u x'sa tixorbu, lanqas għal ġisimkom x'sa tilbsu. Il-ħajja ma tiswiex aktar mill-ikel, u l-ġisem aktar mill-ilbies? Ħarsu lejn it-tjur tas-sema, u la jiżirgħu u la jaħsdu u lanqas jaħżnu fl-imħażen, imma missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħħom. Ma tiswewx intom aktar minnhom? U min minnkom billi jħabbat rasu, jista' jtawwal għomru b'tul ta' driegħ wieħed? U għax tħabbtu raskom għall-ilbies? Ħarsu lejn il-ġilji tar-raba' kif jikbru, bla ma jitħabtu u bla ma jinsġu. Ngħidilkom is- sewwa, lanqas Salamun fil-kobor tiegħu kollu ma libes bħal wieħed minnhom. Mela jekk il-ħaxix tar-raba', li llum hu u għada jintefa' fil-forn, Alla jlibbsu hekk, kemm aktar lilkom, ja nies ta' twemmin żgħir? Għalhekk la tħabblux raskom, billi tgħidu: 'X'sa nieklu?' jew 'X'sa nixorbu?'. Dawn kollha jfittxuhom il-pagani. Għax missierkom li hu fis-smewwiet jaf li taħtiegu dan kollu. Fittxu l-ewwel is-saltna t'Alla u l-ġustizzja tiegħu, u dan kollu jkunilkom miżjud. Għalhekk la tħabblux raskom għal għada, għax għada jitħabat għalih inifsu. Biżżejjed għal kull jum it-taħbit tiegħu.
(Mt 6: 25 – 34)

***Mill-Ktieb IS-SINAGOGA L-ĠDIDA ta' San Ġorġ Preca***
Aħwa tiegħi, l-Imgħallem divin qal: "Ħadtu b'xejn; agħtu b'xejn." Għalhekk intom li Alla takom il-ġid ta' din l-art, la tixxaħħux miegħu. Agħtu ruħkom bil-qalb u bil-ħeġġa għall-opri tajba minflok ma taħlu ġidkom fil-frugħat li l-kamla taż-żmien tiekol u ttemm. Ftakru li l-providenza fdatilkom il-ġid tad-dinja biex bih tiksbu dak tas-sema.

……………………………………

Jien nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

4 jum | Naħseb fl-oħrajn… għax Alla huwa Providenza

Għalhekk ngħidilkom: La toqogħdux tħabbtu raskom għal ħajjitkom, x'sa tieklu u x'sa tixorbu, lanqas għal ġisimkom x'sa tilbsu. Il-ħajja ma tiswiex aktar mill-ikel, u l-ġisem aktar mill-ilbies? Ħarsu lejn it-tjur tas-sema, u la jiżirgħu u la jaħsdu u lanqas jaħżnu fl-imħażen, imma missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħħom. Ma tiswewx intom aktar minnhom? U min minnkom billi jħabbat rasu, jista' jtawwal għomru b'tul ta' driegħ wieħed? U għax tħabbtu raskom għall-ilbies? Ħarsu lejn il-ġilji tar-raba' kif jikbru, bla ma jitħabtu u bla ma jinsġu. Ngħidilkom is- sewwa, lanqas Salamun fil-kobor tiegħu kollu ma libes bħal wieħed minnhom. Mela jekk il-ħaxix tar-raba', li llum hu u għada jintefa' fil-forn, Alla jlibbsu hekk, kemm aktar lilkom, ja nies ta' twemmin żgħir? Għalhekk la tħabblux raskom, billi tgħidu: 'X'sa nieklu?' jew 'X'sa nixorbu?'. Dawn kollha jfittxuhom il-pagani. Għax missierkom li hu fis-smewwiet jaf li taħtiegu dan kollu. Fittxu l-ewwel is-saltna t'Alla u l-ġustizzja tiegħu, u dan kollu jkunilkom miżjud. Għalhekk la tħabblux raskom għal għada, għax għada jitħabat għalih inifsu. Biżżejjed għal kull jum it-taħbit tiegħu.
(Mt 6: 25 – 34)

Mill-Ktieb IS-SINAGOGA L-ĠDIDA ta' San Ġorġ Preca
Aħwa tiegħi, l-Imgħallem divin qal: "Ħadtu b'xejn; agħtu b'xejn." Għalhekk intom li Alla takom il-ġid ta' din l-art, la tixxaħħux miegħu. Agħtu ruħkom bil-qalb u bil-ħeġġa għall-opri tajba minflok ma taħlu ġidkom fil-frugħat li l-kamla taż-żmien tiekol u ttemm. Ftakru li l-providenza fdatilkom il-ġid tad-dinja biex bih tiksbu dak tas-sema.

……………………………………

***Mit-talba KOLLOKJU MA' ALLA ta' San Ġorġ Preca***

Sinjur Alla, fost l-attributi kollha tiegħek, xejn ma jiddi hekk qawwi daqskemm il-Providenza tiegħek. Inħarsu lejn il-kwantità tal-ħut tal-baħar, lejn il-kwantità tat-tajr tal-ajru, lejn il-kwantità tal-bnedmiin: kwantitatjiet tassew li ma jistgħux jingħaddu, u naraw tant ħluq biex jieħdu l-ikel meħtieġ għall-għajxien. Il-Providenza tiegħek titmagħhom, iżżoqqhom, u tpaxxihom bil- benedizzjoni tiegħek, u bil-ftuħ tal-idejn tiegħek, missier u padrun ta' kulħadd, kollok ħsieb u kura ta' kollox. Ikollna nistqarru li inti int Alla tal-Providenza.

*Sliem għalik Marija…*

**Rodd ħajr**

Rodd ħajr, 'tih minn qalbek ġieħ
Rodd ħajr lill-Missier Qaddis
Rodd ħajr għax tana 'l Kristu
Ibnu stess l-għażiż. x2

U llum
Jekk int dgħajjef għid "Jien sod!"
"Jien sinjur" ħa tgħid jekk fqir
Minħabba f'dak li tak is-Sid għalik. x2

Rodd ħajr

Jien nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

***Mit-talba KOLLOKJU MA' ALLA ta' San Ġorġ Preca***

Sinjur Alla, fost l-attributi kollha tiegħek, xejn ma jiddi hekk qawwi daqskemm il-Providenza tiegħek. Inħarsu lejn il-kwantità tal-ħut tal-baħar, lejn il-kwantità tat-tajr tal-ajru, lejn il-kwantità tal-bnedmiin: kwantitatjiet tassew li ma jistgħux jingħaddu, u naraw tant ħluq biex jieħdu l-ikel meħtieġ għall-għajxien. Il-Providenza tiegħek titmagħhom, iżżoqqhom, u tpaxxihom bil- benedizzjoni tiegħek, u bil-ftuħ tal-idejn tiegħek, missier u padrun ta' kulħadd, kollok ħsieb u kura ta' kollox. Ikollna nistqarru li inti int Alla tal-Providenza.

*Sliem għalik Marija…*

**Rodd ħajr**

Rodd ħajr, 'tih minn qalbek ġieħ
Rodd ħajr lill-Missier Qaddis
Rodd ħajr għax tana 'l Kristu
Ibnu stess l-għażiż. x2

U llum
Jekk int dgħajjef għid "Jien sod!"
"Jien sinjur" ħa tgħid jekk fqir
Minħabba f'dak li tak is-Sid għalik. x2

Rodd ħajr

# Jien nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

5 jum | Inkompli noħloq dinja sabiħa… għax Alla huwa Ħallieq

Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha!
Int qegħedt is-sebħ tiegħek 'il fuq mis-smewwiet
Int, li s-sebħ tiegħek jgħannih
fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib;
int, li bnejt sur kontra l-għedewwa,
biex iġġib fix-xejn l-għadu u 'l min iqum kontrik
Nħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk,
il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom!
X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex taħseb fih?
Ftit inqas mill-allat għamiltu,
bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu
qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk!
Kollox taħt riġlejh qegħedtlu:
in-nagħaġ u l-baqar kollha, sa l-bhejjem tax-xagħri;
l-għasafar tal-ajru u l-ħut tal-baħar
dak kollu li jterraq fil-baħar.
Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha! (Salm 8)

***Mill-Ktieb TAĦDIT GĦAT-TFAL ta' San Ġorġ Preca***

Alla għalhekk ħalaq kollox: biex jiġi magħruf mill-kreaturi intelliġenti li hu stess ħalaq biex jigglorifikawh Immela n-natura kollha maħluqa tikxef bla sforzi li Alla hu, li Alla hu omnipotenti, li Alla hu sapjentissimu, li Alla hu etern u ta' manjifiċenza.

………………………………………

Jien nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

5 jum | Inkompli noħloq dinja sabiħa… għax Alla huwa Ħallieq

Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha!
Int qegħedt is-sebħ tiegħek 'il fuq mis-smewwiet
Int, li s-sebħ tiegħek jgħannih
fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib;
int, li bnejt sur kontra l-għedewwa,
biex iġġib fix-xejn l-għadu u 'l min iqum kontrik
Nħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk,
il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom!
X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex taħseb fih?
Ftit inqas mill-allat għamiltu,
bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu
qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk!
Kollox taħt riġlejh qegħedtlu:
in-nagħaġ u l-baqar kollha, sa l-bhejjem tax-xagħri;
l-għasafar tal-ajru u l-ħut tal-baħar
dak kollu li jterraq fil-baħar.
Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha! (Salm 8)

Mill-Ktieb TAĦDIT GĦAT-TFAL ta' San Ġorġ Preca

Alla għalhekk ħalaq kollox: biex jiġi magħruf mill-kreaturi intelliġenti li hu stess ħalaq biex jigglorifikawh Immela n-natura kollha maħluqa tikxef bla sforzi li Alla hu, li Alla hu omnipotenti, li Alla hu sapjentissimu, li Alla hu etern u ta' manjifiċenza.

………………………………………

***Mit-talba KOLLOKJU MA' ALLA ta' San Ġorġ Preca***

Sinjur Alla, inti tħobb il-kreaturi tiegħek, u titgħaxxaq bihom, għax opri ta' idejk, u opri tassew denji tiegħek. Kbar u tal-għaġeb huma l-opri ta' idejk u fihom xejn ma hemm x'itkkoreġi; huma opri perfetti. Ħlaqthom bl-omnipotenza tiegħek, li hija propjetà tiegħek waħdek, u bil-providenza tiegħek issostnihom kollha, tant il-kreaturi kbar, kemm il-kreaturi żgħar, jekk tassew huma żgħar.

*Sliem għalik Marija…*

**U ruħi tfur**

U ruħi tfur lejk Alla Salvatur
Kemm inti kbir, kemm inti kbir.
U ruħi tfur lejk Alla Salvatur
Kemm inti kbir, kemm inti kbir.

Jien nemmen f'Alla
ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

***Mit-talba KOLLOKJU MA' ALLA ta' San Ġorġ Preca***

Sinjur Alla, inti tħobb il-kreaturi tiegħek, u titgħaxxaq bihom, għax opri ta' idejk, u opri tassew denji tiegħek. Kbar u tal-għaġeb huma l-opri ta' idejk u fihom xejn ma hemm x'itkkoreġi; huma opri perfetti. Ħlaqthom bl-omnipotenza tiegħek, li hija propjetà tiegħek waħdek, u bil-providenza tiegħek issostnihom kollha, tant il-kreaturi kbar, kemm il-kreaturi żgħar, jekk tassew huma żgħar.

*Sliem għalik Marija…*

**U ruħi tfur**

U ruħi tfur lejk Alla Salvatur
Kemm inti kbir, kemm inti kbir.
U ruħi tfur lejk Alla Salvatur
Kemm inti kbir, kemm inti kbir.